MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1321/2010

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**vs**

**Bartolo Brian Godfrey**
**I.D. 372972 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u disghin Ewro u sebgha u hamsin Ewro centezmu (€598.57), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (skond rendikont anness ma' l-avviz tat-talba u mmarkat bhala Dok A).

Il-konvenut interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontro l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ hames mija u tmienja u disghin Ewro u sebgha u hamsin Ewro centezmu (€598.57), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------